

# Ġ 4.3 IT-TIBDIL SKONT L-ISTAĠUN

**Ġ4.3.4**

Inżommu ġurnal mifrux fuq sebat ijiem u fih inniżżlu l-osservazzjonijiet tagħna.

## A. Wieġeb dawn




1. Silta mid-djarju ta' Frans, tifel ta' 8 snin.

   *"Illum it-Tnejn. Missieri llum ħa l-frank mix-xogħol. Bi ħsiebu jeħodna s'Għawdex. L-aħħar li morna tgħidx kemm ħadna gost. Bi ħsiebna ngħumu."*

   Xi staġun taħseb li kien meta Frans kiteb hekk fid-djarju tiegħu? ______________________

2. Silta mid-djarju ta' Francienne, tifla fir-Raba' Sena tal-Primarja.



   *"Illum il-Ħadd. Il-Papà u l-Mamà wegħduna li jekk it-temp jippermetti jeħduna piknik il-Buskett. Ħa naraw x'inhu ġej. Ilbieraħ ir-rapport tat-temp avża li ġejja ħafna xita!"*

   Xi staġun taħseb li kien meta Francienne kitbet hekk fid-djarju tagħha?

   ______________________

3. Silta mid-djarju ta' Wiġi, tifel ta' 9 snin.



*"Illum is-Sibt. L-iskola issa ilha xahar li reġgħet bdiet minn wara l-vaganzi tas-sajf. Filgħodu lestejt il-homework.. Ommi kellha bżonn żewġ qadjiet mingħand tal-laħam u tal-merċa. Mortilha jien bir-rota ħalli niffrankalha ftit ħin."*

Xi staġun taħseb li kien?

________________________________

4. Mid-djarju ta' Rosemary, tifla ta' 10 snin.



*"Illum il-Ġimgħa l-Kbira. Kull sena mmorru naraw xi waħda mill-purċissjonijiet tal-Ġimgħa l-Kbira. Dis-sena sejrin iż-Żejtun għax hemm għandhom waħda tajba ħafna. Dalgħodu ċċarġjajt il-batteriji tal-kamera tar-ritratti għax bi ħsiebni nieħu erba' ritratti tajbin għall-proġett tal-Istudji Soċjali."*

Xi staġun taħseb li kien meta Rosemary kiteb hekk fid-djarju tagħha?

__________________________

**B. Imla l-vojt bil-kliem mogħti dwar IS-SAJF.**

festi l-vaganzi frott il-baħar

1. Fis-sajf, aħna t-tfal ikollna _______________.
2. Fis-sajf tagħmel ħafna sħana allura mmorru ħafna ħdejn _______________.
3. Hawn Malta, fis-sajf ikollna ħafna _______________.
4. Fis-sajf nieklu ħafna _______________.



**Ċ. Imla l-vojt bil-kliem mogħti dwar IL-ĦARIFA.**

l-iskola Ottubru jiksaħ l-weraq



1. Fil-ħarifa t-temp jibda _______________ u nistennew ix-xita.
2. Fil-ħarifa terġa' tibda _______________ allura t-tfal jibdew jgħaddu iktar ħin ġewwa.
3. Ħafna siġar iwaqqgħu _______________.
4. _______________ huwa xahar li jiġi fil-ħarifa.

**D. Imla l-vojt bil-kliem mogħti dwar IX-XITWA.**

Milied ħwejjeġ tiqsar umbrella



1. Fix-xitwa nilbsu _______________ ħoxnin għax jagħmel ħafna ksieħ.
2. Meta noħorġu fix-xita nieħdu magħna xi _______________

biex ma nixxarbux.

3. Il-festa tal- _______________ niċċelebrawha f'dan l-istaġun.
4. Il-ġurnata _______________ u għalhekk jidlam kmieni.

## E. Imla l-vojt bil-kliem mogħti dwar IR-REBBIEGĦA.

għasafar | fjuri | kampanja | Għid il-Kbir



1. Fl-istaġun tar-rebbiegħa l-ġonna jimtlew b'ħafna _______________ sbieħ u kkuluriti.
2. Fir-rebbiegħa niċċelebraw il-festa tal- _______________ li tfakkarna f'meta Ġesù qam mill-mewt.
3. L-_______________ jibdew jibnu l-bejtiet tagħhom għax l-arja tibda tisħon.
4. Fir-rebbiegħa nieħdu gost immorru xi mixja fil- _______________.

## F. Qabbel skont l-istaġun.

| | | |
|---|---|---|
| 1. Il-ħarifa | | tibda fil-21 ta' Diċembru. |
| 2. Ix-Xitwa | | jibda fil-21 ta' Ġunju. |
| 3. Ir-Rebbiegħa | | tibda fil-21 ta' Settembru. |
| 4. Is-Sajf | | tibda fil 21 ta' Marzu. |